TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Yanika Anne Busuttil u Doris Cassar

vs

Wedding Bells u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2017, l-isem ghandu jinqara Popin Retailers Ltd ezercenti l-kummerc bhala Wedding Bells.

CCT 216/16/MS

10 ta' Settembru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-8 ta' Novembru 2016 fejn talbet ir-rfuzjoni ta' €839.00, prezz ta' libsa tat-tieg mixtrija mis-socjeta' intimata, liema libsa kellha diffett mohbi peress illi waqt ir-riceviment infethet il-hjata minn maz-zip bil-konsegwenza li rvinatilha l-ambjent u l-attitudini ferriehi li normalment ikun hemm f'riceviment tat-tieg.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata pprezentata fl-4 ta' Ottubru 2017 fejn cahdet it-talbiet bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u li jekk il-libsa infethet, dan ma kienx tort tas-socjeta' intimata li dejjem ezercitat il-professjoni taghha b'dilgenza u attribwew il-falliment tal-hjata ghal piz zejjed li rabbiet ir-rikorrenti fil-granet qabel it-tieg.

Ra l-atti kollha tal-process

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra.

Illi mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti xtrat libsa tat-tiegi mill-azjenda intimata ghal prezz ta' €839.00. Saru diversi provi u xi alterazzjonijiet ghal din il-libsa, bl-ahhar prova u xi alterazzjonijiet zghar maghula xi gimgha qabel it-tieg. F'dan l-istadju ir-rikorrenti tidher li kienet kuntenta bir-rizultat. Gara pero' illi dakinhar tat-tieg, fit-22 ta' Mejju 2016 waqt ir-riceviment u meta r-rikorrenti u r-ragel taghha bdew jizfnu, l-libsa bdiet tinfetah minn wara bir-rizultat illi bdiet niezla. Omm ir-rikorrenti rat l-akkadut u peress illi kienet thit, inzertat li kellha xi safety pins u bhekk salvat il-gurnata. Wara spezzjoni aktar profonda irrizulta il-hjata li kienet torbot iz-zip mal-libsa cediet u b'hekk il-libda ma setghetx toqghod f'postha.

Illi meta r-rikorrenti marret tilmenta mal-azjenda intimata ghall-ewwel ir-rapprezentant donnu konfermat li haqqha xi kumpens, izda sussegwentement l-azjenda intimata irrifjutat illi tirikonoxxi xi responsabbilta' u ppreferiet thall f'idejn it-Tribunal sabiex isolvi din il-kwistjoni.

Ikkunsidra

Illi mill-provi rrizulta illi saru diversi provi fuq din il-libsa sabiex din toqghod kemm jista' jkun perfetta fuq il-figura tar-rikorrenti. Fl-ebda wahda minn dawn il-provi ma ssemma xi intervent fuq il-hjata li torbot iz-zip mal-libsa. Ir-rikorrenti tghid illi saru xi alterazzjonijiet zghar gimgha qabel it-tieg peress illi r-rikorrenti naqqset fil-piz u ghalhekk il-libsa kienet tigiha ftit kbira. Min-naha l-ohra, ir-rapprezentant tas-socjeta intimata, u mill-istess ecezzjonijiet taghha, tallega li l-hjata falliet peress illi r-rikorrenti zdiedet fil-piz. Jinghad mill-bidu nett illi din l-ahhar allegazzjoni ma gietx ippruvata u mir-ritratti li esebiti ir-rikorrenti ma tidhirx illi qieghda ssofri minn xi piz zejjed. Terga' u tghid fin-notamenti tal-alterazzjonijiet maghmula mis-socjeta' intimata imkien ma rrizulta illi saru xi notament li r-rikorrenti giet avzata li l-libsa kienet issikata minhabba zieda fil-piz. It-tribunal jidhirlu li min jallega irrid jipprova u darba s-socjeta' intimata qieghda tallega din ir-raguni ghal falliment tal-hjata kien jinkombi fuqha illi ggib il-prova. Dan ma ghamlitux.

It-Tribunal huwa aktar propens illi jemmen il-versjoni tar-rikorrenti illi fil-fatt tilfet mill-piz u jsibha ferm inverosimili li persuna tista' ttella daqshekk piz f'gimgha/ gimghatejn biex taffetwa daqshekk serjament il-manifattura tal-libsa tat-tieg u ghalhekk it-Tribunal huwa konvint li hawn si tratta ta' diffett fil-manifattura li jgongi z-zip mal-libsa illi ceda fl-ewwel mument li sar naqra ta' moviment u stress fuqu. It-Tribunal jippretendi li fokkazjoni govjali bhalma hu tieg l-gharajjes u l-mistednin johorgu jizfnu, izda zgur ma jippretendix li minhabba f'hekk iccedi l-hjata tal-libsa sakemm din ma jkollhiex diffett fil-manifattura fl-ewwel lok.

Ikkunsidra

Dana stabbilit, it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti imissha marret mal-ewwel ghand l-azjenda intimata biex turiha "first-hand" il-hsara subita . Jista' jkun illi wara t-tieg ir-rikorrenti marret ghal *honey moon*, pero' dejjem setghet baghtet lil xi hadd biex tinforma u turi l-azjenda intimata il-hsara fil-libsa u b'hekk kellha taghmel ilment fl-iqsar zmien possibbli vicin l-akkadut. Pero' ir-rikorrenti tghid illi marret l-azjenda intimata bl-ilment taghha xahar wara, fejn ukoll il-libsa kienet imsewwija minn ommha ghall-okkazjoni tal-*post wedding photo shoot.* B'hekk is-socjeta intimata qatt ma kellha l-okkazjoni sabiex tara d-diffett fil-manifattura. Dan kien nuqqas tar-rikorrenti li jimmina xi ftit it-talba taghha. B'daqshekk pero ma jfissirx illi s-scojeta' intimata ghandha tigi kompletament ezonerata mir-responsabbilita la darba t-Tribunal huwa sodisfatt bil-provi li gew imressqa li kien hemm falliment fil-hjata waqt ir-riceviment tat-tieg.

Illi l-libsa tat-tieg tintlibes darba biss, jew f'dan il-kaz darbtejn (*post-wedding photoshoot*) u jekk tfalli fil-gurnata tat-tieg tista' tghid li l-iskop ghal x'hiex tkun inxtrat ikun serjament imminat. Mhux normali illi persuna thallas dawk l-ammonti ghal libsa ordinarja, pero' ghall-libsa tat-tieg huwa normali illi ntefqu dawk il-prezzijiet u ghalhekk huwa altru importanti illi dak in-nhar kollox immur

sew u zgur illi libsa tat-tieg m'ghandhiex tkun kagun ta' preokuppazjoni f'gurnata bhal din. Dan kien propju li gralha r-rikorrenti. Ta' dan haqqha kumpens.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal kien lest li jikkunsidra l-ghoti tas-somma kollha mitluba, li kieku r-rikorrenti agixxiet mal-ewwel u ghamlet l-ilment a *tempo vergine*, fejn allura s-socjeta intimata setghet tikkonstata il-hsara direttament. Ir-rikorrenti pero, ghazlet illi issewwi l-hsara sabiex tkun tista' taghmel *photo-shoot* ohra ta' wara t-tieg. Bir-rispett, it-Tribunal jidhirlu illi hawnhekk ir-rikorrenti naqset fil-prijoritajiet taghha. Ma kellhiex ghalfejn tistenna dak iz-zmien kollu minghajr ma tilmenta, almenu bit-telefon/ mobile/ jew email dwar dak li kien gara. L-emails esebiti kollha jindikaw ix-xahar ta' Lulju b'ilment l-ewwel darba illi gie maghmul lis-socjeta' intimat fit-22 ta Gunju - allura xahar wara it-tieg. Ghalhekk it-Tribunal ma jidhirlux illi ghandu jakkorda s-somma mitluba fl-intier taghha.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jiffissa *arbotrio bono viri* l-ammont ta' hames mitt Euro (€500.00) bhala kumpens dovut ghan-nuqqas fuq imsemmi. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru